MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' April, 2008

Numru. 82/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**John Mizzi bin Marcel u Mary Anne nee' Gatt, residenti Morning Star, Triq Ganni Vassallo, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 205674(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi John Mizzi li gie akkuzat talli nhar l-1 ta' Dicembru, 2006 u fil-jiem ta' qabel minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil Carmen Mercieca fil-pussess ta' hwejjigha meta sserra

u nehha gebel minn mal-hajt ta' bejn ir-residenza tieghu u r-residenza ta' Carmen Mercieca fi Triq Ganni Vassallo, Rabat, Ghawdex u dan bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jirrizulta illi l-faccata tal-kwerelanta kienet ilha mpoggija snin twal u li l-imputat qabad u nehha l-parti li tigi mal-proprjeta' tieghu minghajr ma talab il-kunsens tal-kwerelanta;

Kwindi l-akkuza tirrizulta ppruvata u ghalhekk l-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta' hamsin Euro (€50) u tordna sabiex huwa jirranga dik il-parti tal-faccata fejn qala' l-madum fi zmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------